31999R1722

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1722/1999

tad-29 ta' Lulju 1999

dwar l-importazzjoni tan-nuħħala, *sharps* u residwi oħra tat-tgħarbil, ħin jew ipproċessar ieħor ta' ċerti ċereali li joriġinaw mill-Alġerija, il-Marokk u l-Eġittu u l-importazzjoni tal-qamħ durum li joriġina mill-Marokk

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) il-Ftehim tal-Kooperazzjoni u l-Ftehim Interim konklużi fl-1976 u 1977 bejn, fuq parti minnhom, il-Komunità Ekonomika Ewropea u fuq il-parti l-oħra, ir-Repubblika Demokratika tal-Poplu ta' l-Alġerija, ir-Repubblika Għarbija ta' l-Eġittu u r-Renju tal-Marokk dwar l-importazzjoni fil-Komunità ta' nuħħala, *sharps* u residwi oħra mit-tgħarbil, it-tħin u l-ipproċessar l-ieħor ta' ċereali jipprovdi għal arranġamenti preferenzjali bbażati fuq tnaqqis jew eżenzjoni minn imposti varjabbli.

(2) il-Ftehim ta' Kooperazzjoni u l-Ftehim Interim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar arranġamenti speċjali fuq l-importazzjonmi tal-qamħ durum jikkonċedu tnaqqis fl-imposta varjabbli.

(3) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1519/76 ta' l-24 ta' Ġunju 1976 rigward l-importazzjoni ta' nuħħala, *sharps* u residwi oħra ġejjin mit-tgħarbil, it-tħin jew l-ipproċessar l-ieħor ta' ċerti ċereali li joriġinaw fl-Alġerija [1], ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1526/76 ta' l-24 ta' Gunju ta' l-1976 li jikkonċerna l-importazzjoni tan-nuħħala, *sharps* u residwi oħra li ġejjin mit-tgħarbil, dħin jew l-ipproċessar ta' ċerti ċereali li joriġinaw mill-Marokk [2], ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1251/77 tas-17 ta' Mejju 1977 rigward l-importazzjoni ta' nuħħala, *sharps* u residwi oħra li ġejjin mit-tgħarbil, it-tħin u pproċessar ieħor ta' ċereali li ġejjin mir-Repubblika Għarbija ta' l-Eġittu [3] u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1520/76 ta' l-24 ta' Ġunju 1976 fuq l-importazzjoni tal-qamħ durum li ġej mill-Marokk [4] jistabbilixxu regoli għall-implimentazzjoni għall-arranġamenti konċernati.

(4) il-Ftehim ta' l-Assoċjazzjoni Ewro-Mediterranja qiegħed jiġi nnegozjat jew konkluż mar-Repubblika Demokratika tal-Poplu ta'l-Alġerija, ir-Renju tal-Marokk u r-Repubblika Għarbija ta' l-Eġittu; sadattant, il-ftehim ta' kooperazzjoni msemmi fir-Regolament (KEE) Nru 1519/76, (KEE) Nru 1520/76, (KEE) Nru 1526/76 u (KEE) Nru 1251/77 jgħodd.

(5) taħt il-Ftehim dwar l-Agrikoltura konkluż fis-Sensiela ta' l-Urugwaj ta' negozjati kummerċjali multilaterali, il-Komunità ftiehmet li tiffissa r-rata ta' l-imposti varjabbli u li tissostitwihom b'dazji doganali mill-1 ta' Lulju 1995; dan jista' jirrendi l-arranġamenti speċjali bażati fuq diversi levies bħala ftehim mingħajr funzjoni u, għaldaqstant, skond il-konklużjoni pendenti ta' ftehim ġdid ma' l-Alġerija, l-Marokk u l-Eġittu, derogazzjonijiet temporanji li ma jaffettwawx il-bażi ta' kull wieħed fost dawk l-arranġamenti ikollhom jiġu introdotti mir-Regolamenti (KEE) Nru 1519/76, (KEE) Nru 1520/76, (KEE) Nru 1526/76 u (KEE) Nru 1251/77; regoli dwar it-tibdil temporanju ta' dawk ir-Regolamenti huma mfasslin fir-Regolamenti (KE) Nru 1710/95 [5] u (KE) Nru 1711/95 [6] sat-30 ta' Ġunju 1999 skond il-bażi ta' l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 3290/94 [7].

(6) il-vantaġġi mogħtija taħt il-Ftehim rigward l-importazzjoni ta' nuħħala, *sharps* u residwi oħra mit-tgħarbil, it-tħin u l-ipproċessar l-ieħor ta' ċerti ċereali ġie b'ħekk sostitwit f'dawk li huma dazji doganali minn, għall-Alġerija u l-Marokk, tnaqqis b'rata fissa ta' EUR 7,25 kull tunnellata metrika fit-tariffa komuni tad-dazji doganali minflok il-konċessjoni ta' komponent fiss b'żieda ta' tnaqqis ta' 60 % ta' dak id-dazju mnaqqas minflok il-konċessjoni tal-komponent varjabbli u, għall-Eġittu, minn 60 % tnaqqis fil-dazju doganali.

(7) sa ma jintemmu n-negozjati li għaddejjin jew sal-konklużjoni tal-ftehim, jeħtieġu miżuri biex jiżguraw il-kontinwità kummerċjali mal-Komunità billi jiġu estiżi l-arranġamenti tranżizzjonali li qegħdin fis-seħħ.

(8) jekk ftehim ġdid jiġi konkluż mal-pajjiżi terzi in kwistjoni dan ir-Regolament għandu jiġi aġġustat; għandu jiġi stabbilit li l-Kummissjoni tista' tadotta dawn l-emendi skond il-proċedura prevista mill-Artikolu 23 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 tat-30 ta' Ġunju 1992 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq taċ-ċereali [8],

[1] ĠU L 169, tat-28.6.1976, p. 40.
[2] ĠU L 169, tat-28.6.1976, p. 56.
[3] ĠU L 146, ta' l-14.6.1977, p. 11.
[4] ĠU L 169, tat-28.6.1976, p. 42.
[5] ĠU L 163, ta' l-14.7.1995, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 2622/98 (ĠU L 329, tal-5.12.1998, p. 16).
[6] ĠU L 163, ta' l-14.7.1995, p. 3. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 1616/98 (ĠU L 209, tal-25.7.1998, p. 31.).
[7] ĠU L 349, tal-31.12.1994, p. 105. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 1340/98 (ĠU L 184, tas-27.6.1998, p. 1.).
[8] ĠU L 181, ta' l-1.7.1992, p. 21. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 2547/98 (ĠU L 318, tas-27.11.1998, p. 41.).

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Dan ir-Regolament jistabbilixxi dispożizzjonijiet applikabbli għall-arranġamenti speċjali dwar l-importazzjoni ta' nuħħala, *sharps* u fdalijiet oħra mit-tgħarbil, it-tħin jew l-ipproċessar l-ieħor ta' ċerti ċereali li ġejjin mill-Alġerija, il-Marokk u l-Eġittu u dispoosizzjonijiet applikabbli għall-arranġamenti speċjali għall-importazzjoni tal-qamħ durum li ġej mill-Marokk.

Artikolu 2

Id-dazji doganali applikabbli għall-importazzjoni fil-Komunità ta' nuħħala, *sharps* u residwi oħra mit-tgħarbil, it-tħin u l-ipproċessar l-ieħor ta' ċerti ċereali li jaqgħu fil-kodoċi NM 2302 30 10 sa 2302 40 90 u li joriġinaw mill-Aġerija u l-Marokk għandhom ikunu 40 % ta' l-ammont stabbilit fit-tariffa doganali komuni sussegwentement imnaqqsa b'EUR 7,25 kull tunnellata metrika.

Artikolu 3

Id-dazji doganali applikabbli għall-importazzjoni fil-Komunità ta' nuħħala, *sharps* u residwi oħra mit-tgħarbil, it-tħin u l-ipproċessar l-ieħor ta' ċerti ċereali li jaqgħu fil-kodiċi NM 2302 10 10 sa 2302 10 90, 2302 20 10, 2302 20 92 u 2302 30 10 sa 2302 40 90 u li joriġinaw mill-Eġittu għandhom ikunu 40 % ta'l-ammont stabbilit fit-tariffa doganali komuni.

Artikolu 4

L-Artikoli 2 u 3 għandhom jgħoddu għall-importazzjoni li għaliha l-importatur ikun jista' jagħti prova li taxxa għall-esportazzjoni tkun ġiet imposta mill-Alġerija, il-Marokk u l-Eġittu kif approprjat skond l-Artikolu 21 tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni ma' l-Alġerija, l-Artikolu 23 tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni mal-Marokk u l-Artikolu 20 tal-Ftehim tal-Kooperazzjoni ma' l-Eġittu.

Artikolu 5

Id-dazju applikabbli għall-importazzjoni fil-Komunità ta' qamħ durum li jaqa' fil-kodiċi NM 1001 10 00 li joriġina mill-Marokk u li jinġarr direttament minn dak il-pajjiż lejn il-Komunità għandu jkun dak iffissat skond l-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1766/92, imnaqqas b'EUR 0,73 kull tunnellata metrika.

Artikolu 6

Meta jiġu konklużi arranġamenti ġodda mal-pajjiżi terzi msemmija f'dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tadotta l-emendi meħtieġa f'dan ir-Regolament li joħorġu minn dawk l-arranġamenti b'konformità mal-proċedura prevista fl-Artikolu 23 tar-Regolament (KEE) Nru 1766/92.

Artikolu 7

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan għandu jgħodd mill-1 Lulju 1999.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-29 ta' Lulju 1999.

Għall-Kunsill

Il-President

S. HASSI